

Brussell, 8 ta' Frar 2022
(OR. fr)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0366(COD)

5870/1/22
REV 1

ENV 96
CLIMA 50
FORETS 5
AGRI 34
RELEX 123

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Regolament dwar it-tqegħid fis-suq tal-UE u l-esportazzjoni ta' prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness nota **riveduta** ta' informazzjoni mill-Presidenza għad-dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq fil-laqgħa tal-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" tat-21 ta' Frar 2022.

Meta mqabbel mal-verżjoni preċedenti, it-test il-ġdid huwa indikat b'tipa grassa sottolinjata u ingassata (paġna 3, paragrafu 6; paġna 5, paragrafi 3 u 4).

Nota ta' informazzjoni mill-Presidenza għall-Kunsill Agrikoltura u Sajd tal-21 ta' Frar

Proposta għal Regolament dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-esportazzjoni mill-UE ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti

Fis-17 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta tagħha għal Regolament dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni Ewropea (UE) kif ukoll l-esportazzjoni mill-UE ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti. L-objettiv huwa li l-prodotti mixtrija, użati u kkunsmati miċ-ċittadini fis-suq tal-Unjoni ma jikkontribwixxux għad-deforestazzjoni globali u d-degradazzjoni tal-foresti fid-dinja.

Biex jintlaħaq dan l-objettiv, il-Kummissjoni tipproponi l-istabbiliment ta' **sistema obbligatorja ta' diliġenza dovuta** għall-operaturi u n-negozjanti kollha li jqiegħdu l-prodotti kkonċernati fis-suq tal-UE jew li jesportawhom mis-suq tal-UE, flimkien ma' **evalwazzjoni komparattiva tal-pajjiżi** ta' oriġini jew tal-produzzjoni tal-prodotti. B'mod partikolari, dan ir-regolament jirrispondi għal talba soċjetali b'saħħitha (kif muri mil-livell għoli ħafna ta' parteċipazzjoni fil-konsultazzjoni online mibdija mill-Kummissjoni), marbuta b'mod partikolari mat-tħassib dwar l-iżvilupp tal-foresti fil-livell globali (bejn l-1990 u l-2020 id-dinja tilfet 420 miljun ettaru ta' foresti, żona akbar minn dik tal-Unjoni Ewropea).

Dan ir-regolament ser jgħin biex jiġu applikati l-istess standards ambjentali għall-prodotti kollha mqiegħda fis-suq tal-UE, u huwa mfassal biex jiġġieled it-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità, filwaqt li jirrispetta r-regoli tas-sistema kummerċjali multilaterali. It-tiżiħ tal-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi tal-UE u dawk li mhumiex fl-UE ser ikun essenzjali f'dan ir-rigward. Dawn id-dispożizzjonijiet ser ikomplu jsaħħu setturi sostenibbli tal-legumi u tal-proteini fir-rigward ta' prodotti koperti bir-Regolament, li spiss jiġu deforestati.

In-negozjati qed jitwettqu fis-settur tal-ambjent, b'dibattitu previst fis-17 ta' Marzu li jmiss fil-Kunsill Ambjent. It-test ilu jiġi diskuss mill-24 ta' Jannar li għadda fi grupp *ad hoc*¹ b'esperti mid-diversi setturi kkonċernati (l-ambjent, l-agrikoltura, il-forestrija, il-kummerċ, eċċ.). F'dan l-ewwel grupp, id-delegazzjonijiet laqgħu t-test u l-prinċipji ġenerali tiegħu u qajmu għadd ta' rimarki preliminari.

Dan id-dokument ippreżentat lill-Kunsill Agrikoltura huwa maħsub biex jikkontribwixxi għal dibattitu ta' orjentazzjoni bil-għan li jgħin lill-ħidma, b'kont meħud tal-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni tar-Regolament tal-UE dwar l-Injam (EUTR) mill-2013 'l hawn u tal-effetti tal-proposta fuq is-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija.

L-esperjenza miksuba mill-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-EUTR ser tkun siewja biex tikkontribwixxi għal dan id-dibattitu, b'mod partikolari biex titfa' dawl fuq il-kundizzjonijiet li jiffavorixxu l-funzjonament xieraq tas-sistema ta' diliġenza dovuta, kif ukoll il-koordinazzjoni xierqa tar-Regolament mal-objettivi tat-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u l-isfidi tal-politiki nazzjonali tal-forestrija.

Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li qed jiġi propost li d-dibattitu jiġi strutturat madwar il-punti li ġejjin:

Definizzjoni ta' perimetru koerenti mal-għan tal-ġlieda kontra d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti

L-objettivi ġenerali tal-abbozz ta' regolament huma li jiġi minimizzat ir-riskju li prodotti assoċjati mal-ktajjen tal-provvista marbuta mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti jidħlu fis-suq Ewropew, u li tiżdied id-domanda Ewropea u l-kummerċ għal prodotti u komoditajiet li ma għandhom l-ebda impatt fuq id-deforestazzjoni.

¹ Grupp ta' Ħidma *ad hoc* dwar ir-riskju ta' deforestazzjoni u degradazzjoni tal-foresti assoċjat ma' prodotti mqiegħda fis-suq tal-UE

Ir-Regolament japplika għal sitt komoditajiet (kafè, kawkaw, żejt tal-palm, sojja, baqar, injam) u l-prodotti derivati tagħhom, bi klawżola ta' rieżami li tipprevedi l-possibbiltà li jiġi modifikat il-kamp ta' applikazzjoni sentejn wara d-data ta' implimentazzjoni. Skont il-valutazzjoni tal-impatt, dawn is-sitt komoditajiet jirrappreżentaw l-akbar sehem ta' deforestazzjoni kkawżata mill-UE fost it-tmien prodotti analizzati: iż-żejt tal-palm (33,95 %), is-sojja (32,83 %), l-injam (8,62 %), il-kawkaw (7,54 %), il-kafè (7,01 %) u ċ-ċanga (5,01 %).

Fil-Kunsill informali tal-Ministri tal-Ambjent f'Amiens, diversi interventi qajmu l-importanza li dan il-kamp ta' applikazzjoni jiġi estiż għal faċilitajiet u ekosistemi oħra. Din il-kwistjoni żgur li ser tkun is-suġġett ta' aktar ħidma teknika. Valutazzjoni mill-ministri tal-agrikoltura tista' tgħin biex jinxteħet dawl fuq dan is-suġġett.

Kunċetti ewlenin marbuta mal-linji gwida tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2021 dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għall-Forestrija 2030 (ST 13984).

Il-foresti għandhom jiġu protetti fid-dawl tar-rwol ewlieni tagħhom, fost l-oħrajn, fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-preservazzjoni tal-bijodiversità, filwaqt li tiġi żgurata ż-żamma tal-funzjonijiet ekonomiċi essenzjali għall-iżvilupp lokali u t-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar ekoloġika.

L-implimentazzjoni tar-Regolament għandha l-għan li treġġa' lura x-xejra ta' tnaqqis fil-kopertura forestali globali u li ma tiddegradax il-foresti eżistenti. Ir-Regolament japplika kemm f'pajjiżi terzi kif ukoll f'pajjiżi tal-UE. Għal dawn tal-aħħar, dan ikopri l-produzzjoni domestika kollha għas-sitt komoditajiet magħżula, b'mod partikolari l-injam (għall-pajjiżi terzi huma kkonċernati biss il-komoditajiet esportati lejn l-UE). Għalhekk ikopri varjetà wiesgħa ta' sitwazzjonijiet forestali li d-dispożizzjonijiet tat-test għandhom jagħmluha possibbli li jittieħdu inkunsiderazzjoni.

Id-diskussjonijiet fil-Kunsill għandhom jiċċaraw il-kontenut u l-implikazzjonijiet tat-test, b'mod partikolari d-definizzjonijiet tiegħu, sabiex ir-Regolament ikun jista' jikseb l-oġġettivi tiegħu: li jitrażżan b'mod ġenerali t-tnaqqis fil-kopertura forestali globali, li l-ekosistemi tal-foresti jinżammu f'kundizzjoni tajba u li fl-istess ħin jinkisbu miri ambizzjużi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar ekoloġika u n-newtralità tal-karbonju.

Żgurar tal-effiċjenza tas-sistema ta' diliġenza dovuta

Il-proposta għal Regolament hija bbażata fuq sistema ambizzjuża ta' diliġenza dovuta biex tiddefinixxi qafas komuni ta' traċċabbiltà għall-operaturi **u n-negozjanti kollha li jiżgura t-traċċabbiltà tul il-katina tal-provvista u matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti tal-annimali.**

Permezz ta' din is-sistema, l-operaturi li għall-ewwel darba jqiegħdu fis-suq fl-UE jew li jesportaw [...] mill-UE, il-prodotti elenkati fl-Anness I tar-Regolament, għandhom l-obbligu li jagħmlu dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta li tinvolvi l-ġbir ta' informazzjoni dwar dawn il-prodotti u l-katina tal-provvista tagħhom, analiżi tar-riskju u, fejn xieraq, l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji identifikati.

Għandha tiġi stabbilita sistema ta' kontroll u ta' penali mill-awtoritajiet kompetenti sabiex tiġi żgurata l-effettività tas-sistema.

F'dan il-kuntest, id-diskussjonijiet fil-Kunsill ser ikollhom jipprovdu fehim ċar tal-implikazzjonijiet tas-sistema ta' diliġenza dovuta kif ukoll tal-modalitajiet tal-implimentazzjoni u l-kontroll tagħha sabiex jiġi żgurat li l-applikazzjoni tagħha tkun kompletament effiċjenti.

Mistoqsijiet għad-dibattitu

Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-ministri huma mistiedna jagħtu l-fehma tagħhom dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

1. Liema ekosistemi u komoditajiet għandhom jitqiesu bħala kwistjoni ta' prijorità sabiex l-azzjoni Ewropea kontra d-deforestazzjoni ssir l-aktar rilevanti?
2. Abbażi tal-esperjenzi nazzjonali tiegħek u l-prinċipji mfakkra fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2021 dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għall-Forestrija, x'inhuma l-kwistjonijiet ewlenin u l-elementi prinċipali ta' fokus? Sa liema punt il-kunċetti ewlenin tat-test jilhq u l-objettiv tal-ġlieda kontra d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, filwaqt li titqies id-diversità tas-sitwazzjonijiet tal-foresti?
3. Fid-dawl tal-esperjenza tiegħek fl-implimentazzjoni tal-EUTR, x'inhuma l-elementi importanti biex tiġi żgurata implimentazzjoni effiċjenti tar-Regolament?
